

[Paġna Ewlenija](#) > ... > [Teħid Ta' Azzjoni Legali](#) > [Atlas Ġudizzjarju Ewropew Dwar Kwistjonijiet Ċivili](#) > [Għajnuna Legali](#) > [England and Wales](#)

L-Ingilterra u Wales

## Għajnuna legali

L-Ingilterra u Wales

Il-Konformità tar-Renju Unit mad-Direttiva dwar l-Għajnuna Legali

Artikolu 15 - L-Ipproċessar tar-Rikorsi

Is-sistemi tal-kompjuter tal-awtoritajiet tal-għajnuna legali tar-Renju Unit jiżguraw li r-rikorrenti jiġu infurmati meta jaslu r-rikorsi u meta tittieħed xi deċiżjoni fuq rikors.

Ir-raġunijiet dejjem jingħataw mill-awtorità xierqa għar-rifjut sħiħ jew parzjali tar-rikorsi.

Fl-Ingilterra u f'Wales, għall-parti l-kbira tal-forom ta' għajnuna legali hemm dritt ta' appell quddiem bord legali indipendenti ta' avukati b'esperjenza miksuba minn Prattika Privata. Proċeduri għall-isħarriġ ġudizzjarju taċ-ċaħda ta' rikorsi għall-għajnuna legali ċivili huma stabbiliti wkoll fl-Iskozja. Kull rifjut ta' għajnuna legali fir-Renju Unit jista' jiġi kkontestat mill-Qrati permezz ta' sħarriġ ġudizzjarju.

Artikolu 16 - Formola Standard

Fl-Ingilterra u Wales il-formola standard stabbilita taħt din id-Direttiva tintitola lir-rikorrent għal kwalunkwe konsulenza prekontenzjuża. Bħal fil-każ ta' kwalunkwe rikorrent, tista' tkun meħtieġa aktar informazzjoni jew formola oħra biex tipproċedi għar-rappreżentanza fil-Qorti. L-avukat li jipprovdli l-parir inizzjali jgħin lill-klijent fil-preparazzjoni ta' kwalunkwe informazzjoni oħra jew formola ta' rikors oħra li tista' tkun meħtieġa.

L-Iskozja taċċetta l-formola standard għar-rikorsi għall-għajnuna legali ċivili għar-rappreżentanza minn Novembru 2004 iżda għadha mhix f'pożizzjoni li tintroduċi miżuri li jippermettulha taċċetta rikorsi għal pariri u assistenza prekontenzjuża taħt id-Direttiva. Madankollu, l-iskema ta' pariri u assistenza eżistenti tippermetti li l-pariri prekontenzjużi jkunu disponibbli għar-rikorrenti transfruntiera irrispettivament min-nazzjonalità jew ir-residenza tagħhom.

Minbarra l-formola standard taħt din id-Direttiva, ir-Renju Unit, naturalment, jaċċetta rikorsi għal għajnuna legali minn persuni li jużaw il-formoli domestiċi ta' rikors tiegħu f'każijiet transfruntiera.

Dispożizzjonijiet Finali

B'rabta mal-Artikolu 18, informazzjoni sħiħa u gwida dwar l-għajnuna legali fir-Renju Unit tista' tinstab fis-sit web li ġej:

Il-Kummissjoni għas-Servizzi Legali tal-Ingilterra u Wales (Legal Services Commission for England and Wales): <http://www.legalservices.gov.uk/>

Bord tal-Għajnuna Legali għall-Iskozja (Legal Aid Board for Scotland): <http://www.slab.org.uk/>

Il-Kummissjoni għas-Servizzi Legali tal-Irlanda ta' Fuq (Northern Ireland Legal Services Commission): <http://www.nilsc.org.uk/>

[Nota ta' Traspożizzjoni għall-Implimentazzjoni fir-Renju Unit tad-Direttiva dwar l-Għajnuna Legali\(104 Kb\)](#)  

L-Artikolu 14(2), l-ewwel inċiż – Ismijiet u indirizzi tal-awtoritajiet kompetenti riċevuti jew trażmittenti

L-Artikolu 14(2), it-tielet inċiż – Metodi disponibbli biex jiġu rċevuti l-applikazzjonijiet

Aħna naċċettaw rikorsi bil-posta (inkluż l-Iskambju ta' Dokumenti) jew permezz ta' posta elettronika fl-indirizz mogħti hawn fuq. Aħna naċċettaw ukoll talbiet minn avukati biex jieħdu passi urġenti f'isem il-klijenti qabel is-sottomissjoni u d-determinazzjoni tar-rikors attwali għall-għajjnuna legali ċivili.

L-Artikolu 14(2), ir-rabà inċiż – Il-lingwi li jistgħu jintużaw għat-tlestija tal-applikazzjoni

Ir-rikorsi jiġu aċċettati bl-Ingliż. It-Tim Ċentrali tas-Servizzi għall-Klijenti jista' jirranġa għat-traduzzjonijiet tar-rikorsi jew tad-dokumenti jekk dawn ikunu meħtieġa mill-awtorità riċevuti.

■ L-aħħar aġġornament: 17/02/2025

Il-verzjoni bil-lingwa nazzjonali hija ġestita mill-Istat Membru rispettiv. It-traduzzjonijiet saru mis-servizz tal-Kummissjoni Ewropea. Jista' jkun hemm xi tibdil imdaħħal fl-orijinal mill-awtorità nazzjonali kompetenti li jkun għadu ma jidherx fit-traduzzjonijiet. Il-Kummissjoni Ewropea ma taċċettax responsabbiltà jew kwalunkwe tip ta' tort fir-rigward ta' kull informazzjoni jew dejta li tinsab jew li hemm referenza għaliha f'dan id-dokument. Jekk jogħġbok irreferi għall-avviż legali sabiex tiċċekkja r-regoli dwar id-drittijiet tal-awtur għall-Istati Membri responsabbli minn din il-paġna.